MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2009

Numru 321/2006

Il-Pulizija
(Maria Stella Attard)

vs

Ivan Cutajar

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat detentur tal-karta tal-identita' 502081(M), akkuzat talli:

1. nhar il-21 ta' Awissu 2005 wara d-9:00pm fi Triq is-Sebh, Hal Qormi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Emma- Marie Housley ta' 17-il sena hekk kif iccertifika t-Tabib Michael Spiteri M.D ta' l-Isptar San Luqa, kif ukoll il-

mewt ta’ Graziella Fenech ta’ 13-il sena kif iccertifikat mill-Isptar San Luqa – artikolu 225 tal-Kap 9;
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni FBP-073 ghamla Ford Focus ta’ kulur blu b’manjiera perikoluza;
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq l-istess vettura b’mod negligenti u speed eccessiv;

Il-Qorti mitluba li f’kaz ta’ kundanna tikkonfiska l-licenzja tas-sewqan ta’ l-imsemmi Ivan Cutajar hekk kif stipulat mill-ligi.

Rat l-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li permezz taghhom baghat lura l-atti quddiem dina l-Qorti sabiex, fin-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat, tiddecidi dwar il-htija jew le tal-imputat;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni u rat n-nota ta’ osservazzjonijiet tal-prosekuzzjoni;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputat hu tenut jirrispondi ghall-akkuza taht l-Artikolu 225, li tirreferi ghall-ewwel akkuza fl-att tac-citazzjoni, u fl-artikolu 15(1)(a) 2 tal-Kap 65 b’referenza t-tieni u t-tielet akkuza fic-citazzjoni. Hu wkoll mitlub li l-Qorti fl-ghoti tal-piena u f’kas ta’ htija tissospendi l-licenza tas-sewqan tal-imputat u tikkundannah ghall-ispejjez inkorsi u konnessi ma’ dawn il-proceduri.

Illi jibda biex jinghad li din l-Qorti ghandha vesti ta’ Qorti tal-Magistrati b’kompetenza ta’ Qorti ta’ Gudikatura Kriminali jigifieri b’mansjonijiet cirkoskritti filli tiddeciedi jekk l-imputat ghandux jinstab kriminalment responsabbli tal-akkuzi dedotti kontra tieghu jigifieri taht l-ottika kriminali u xejn izjed u dana fl-ambitu tal-artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu ghar-rinviju ghall-gudizzju. Issa l-ewwel artikolu citat mill-Avukat Generali huwa l-artikolu 225 tal-Kap 9 li jipprovdi li “kull min, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, jikkaguna l-mewt ta’ xi hadd, jehel meta jinsab hati il-piena ta’ prigunerija ghal zmien mhux izjed minn erba snin jew multa mhux izjed minn hdax il-elf sitt mija seba u erbghajn euro”. Din hi l-akkuza principali li tohrog mill-atti tal-kumpilazzjoni li tirreferi ghal mewt ta’ zewg tfajliet ta’ eta ta’ 17 u 13 il-sena meta gew investiti mill-vettura misjuqa mill-imputat tal-marka Ford Focus, numru ta’ registrazzjoni FBP-073, fi Triq is-Sebh, Qormi. L-akkuzi l-ohra huma konsegwenzjali.

L-incident fatali meritu l-kawza gara fil-21 ta’ Awissu 2005 cirka d-9:15 ta’ filghaxija, ossija meta kien gia’ dalam, fil-hin li l-imputat kien qed isuq f’Triq is-Sebh, Hal-Qormi, sejjer fid-direzzjoni tal-Belt. Disgrazjatament f’dan l-incident mietu zewg tfajliet, Emma Marie Housley ta’ 17 il-sena u Grazziella Fenech ta’ 13 il-sena, kawza li sfaw investiti u mtajjra mill-vettura tal-imputat. Mill-provi jirrizulta li l-imputat kien qieghed isuq fuq il-karreggjata ta’ mas-‘centre strip’. Hekk gie osservat fl-access tal-inkjesta (folio 17 tal-process): li f’din il-karreggjata hemm kadavru ta’ tfajla, rizultanti fl-imsemmija Emma Marie Housley, u aktar ‘il quddiem hemm roqgha demm zghira bil-vettura de quo metri ‘l hemm minna, imdawwra lejn ix-xellug, bil-‘wind screen’ taghha ‘shattered’ u l-‘air bag’ miftuh; li mir-roti ta’ wara l-vettura hemm tul ta’ 102 metri ‘brake marks’ qawwija li huma dritti xemgha hlief mil-posizzjoni tal-kadavru lejn il-vettura fejn huma aktar angolati lura; li biswit hemm arblu tad-dawl, karkur iswed u iehor rosa’.

Illi l-imputat hekk spjega meta xehed quddiem il-Qorti. Beda sabiex qal li hu joqghod Hal-Tarxien u fil-wara nofs

inhar in kwistjoni kien tela Ta' Qali jiltaqgha mal-genituri, ohtu u zijtu li kienu qeghdin hemm 'picnic'. Telaq kienu circa 8:45pm izda fil-hin li wasal fit-triq fejn gara l-incident kien dalam. Qal li kien qed isuq fuq il-hames gear bejn 60 u 70 kfs, bil-fanali mixughlin fuq in-normal u ghagla partikolari ma kellux. Kompla jghid "..fid-daqqa u l-hin hassejt daqqa fuq quddiem tal-vettura. Il-'windscreen' gie abjad u ghafast il-'break' ..... kien f'temp ta' sekondi bejn id-daqqa u li rajt il-'windscreen' abjad u ghafast il''break'. Il-'windscreen' bhala fatt ma inkisirx pero' gie abjad. Gie kollu ikkuskjat". Stqar li dawl fit-triq kien hemm u kien jghati fl-isfar. Kompla, fi kliemu, jghid "ghafast il-'break' u tellajt l-'hand break'. Hassni nirtod u kif inzilt nara circa hamsa jew sitt metri il-boghod fuq il-wara tal-vettura zewg persuni ta' sess femminili mal-art". Mill-folio 45 l-imputat gharaf li l-vettura spiccat angolata kif tidher fuq il-pjanta u ikkonferma li l-incident gara bejn it triq laterali li permezz taghha tidhol ghaz-zona industrjali tal-Imriehel u t-triq elevata speci ta' pont.

Illi in kwantu l-velocita' li biha kien qieghed isuq l-imputat l-Qorti tosserva li huwa jistqarr li qabel ma wasal ghas-semaforu li hemm biswit l-ufficini tal-MFSA huwa kien qieghed fuq it-tielet gear b'karozza quddiemu u kompla ghaddej billi d-dwal kienu fuq l-ahdar. Qaleb ghal fuq il-hames gear hekk kif skorra s-semaforu u l-vettura quddiemu qalbet fuq il-karreggjata ta' gewwa. Jigifieri, velocita' kien hemm u bil-wisq probabbli 'l fuq mis-70 kilometru, ossija l-massimu li jsemmi l-imputat. Simptomatiku f'din il-kwistjoni tal-velocita' hu wkoll l-fatt accertat li l-imputat induna li kien laqghat xi haga mal-impatt innifsu. Jigifieri, meta jigi ikkunsidrat il-visibilita' fit-tul li toffri t-triq, is-superficji adegwata taghha, d-dwal li hi mawra bihom it-triq, il-fatt li kienet niexfa (kien x-xahar ta' Awissu), il-konkluzjoni l-aktar verosimili hi li s-sinistru gara principalment, anka jekk forsi mhux wkoll esklusivament, minhabba l-velocita' li kien ghaddej biha l-imputat mizjud mieghu n-nuqqas ta' "proper look out". Tabilhaqq, fil-fattispecje tal-kaz, dan u dan biss ghandu jinteressa lil din il-Qorti, cioe', li bhala fatt ghall-incident de quo attribwixxa mhux negligibbilment l-velocita' li biha kien qieghed isuq l-imputat u n-nuqqas tieghu li jintembah li kien hemm it-

tfajliet fuq il-karreggjata tieghu. Il-Qorti hi sodisfatta li dan hekk hu anka ghaliex sostnut mill-pjanta (folio 45) senjatament mill-punti saljenti murija fiha u deskrtti fir-relazzjoni tal-perit arkitett nominat fl-inkjesta. Fi kliem iehor li trid tfisser din il-Qorti hu li bejn il-velocita' u s-sinistru hemm kawza prossima u immedjata tali li s-sewqan tal-imputat hu bhala minimu kompattibbli ma' sewqan traskurat jew negligenti u kwindi kolpit bl-Artikolu 225 tal-Kap 9.

Illi in kwantu ghall-artikolu 15(1)(a) 2 tal-Kap 65 citat fir-rinviju tal-Avukat Generali, il-Qorti ma fehmitx fejn jinkwadra d-delitt imfisser fis-subincis (1)(a) u ghal dak li jirrigwarda s-subartikolu (2) mhux qegheda tirrijavvisa fis-sewqan tal-imputat it-traskuragni kbira jew negligenti li huma distinti minn sewqan semplicement traskurat identifikat f'kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn jew li ma jilhaqx l-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza (Pulizija vs Alfred Mifsud deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Mejju 1997).

Ghaldaqstant issib l-imputat hati tal-ewwel akkuza. Wara li rat l-Artikolu 225 tal-Kap 9 tikkundannah sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 u multa ta' erba' t'elef Euro. Tikkundannah ukoll ihallas l-ispejjes inkorsi fin-nomina tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9. Tilliberah mill-bqija. In kwantu ghall-multa tordna li fin-nuqqas ta' pagament fi zmien xahar jew terminu itwal li jista' talvolta jigi koncess dan jigi konvertiti f'prigunerija bir-rata ta' gurnata ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu. In kwantu ghall-ispejjes inkorsi fil-hatra ta' esperti fil-proceduri wkoll jekk fl-istadju tal-proces verbal tal-inkjesta l-hlas ghandu jsir zmien mhux aktar tard minn xahar li jigi notifikat bihom l-imputat mir-registratur.

Fl-ahharnett il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------